MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-8 ta' Jannar, 2004

Numru 961/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carlo Ellul)**

**vs**

**Clive Portelli u Daron Portelli**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Clive Portelli ta' 24 sena, iben Carmelo u Maria Rosaria nee` Zammit imwieled Pieta' fit-28 t'Ottubru, 1979 u joqghod 47, Triq San Fidiel Hamrun detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 0504779 M u Daron Portelli ta' 30 sena iben Carmelo u Maria Rosaria nee` Zammit imwieled Pieta` fit-12 ta' Dicembru, 1972 u joqghod f'203 Triq il-Vittoria Hamrun detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 0015973 M.

Akkuzati:

1. Talli fl-20 ta' Novembru, 2003 fil-Hamrun ghal habta tal-4:05 pm bil-hsieb li taghmlu delitt u cioe li tikkagunaw ferita gravi fuq il-persuna ta' Robert Tabone, urejtu dan il-hsieb b'atti esterni u tajtu bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi tajtu daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina/mus) lil Robert Tabone, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` taghhom;

2. u talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi kkagunajtu feriti hfief salv il-kumpilazzjonijiet fuq il-persuna ta' Robert Tabone billi tajtu daqqiet ta' strument li jaqta' u bil-ponta (sikkina/mus) kif ukoll bil-ponn;

3. u talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fil-waqt tal-offiza fuq il-persuna ta' Robert Tabone kellkom fuq il-persuna u fil-pussess taghkom arma regolari, skond kif kontemplat fl-Artikolu 26 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u talli fl-istess data, hin u lok, zammejtu kif ukoll garrejtu strument li jaqta' u bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5. nakkuzhom ukoll talli fl-istess cirkostanzi, data, hin u lok, kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

6. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi heddidtu u ngurjajtu bil-kliem lil Robert Tabone;

Lil Clive Portelli wahdu:

7. talli rrendejt ruhek recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 27 ta' Novembru, 1997 b'liema sentenza kont gejt misjub hati u liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

L-imputati huma akkuzati ta’ ferita gravi u feriti hfief fuq il-persuna ta’ Robert Tabone, ta’ ksur tal-paci pubblika u li kellhom fil-pussess taghhom strument li jqata’ u bil-ponta minghajr il-kunsens tal-Kummissarju tal-Pulizija. L-imputat Clive Portelli hu wkoll akkuzat bir-recediva.

Ghal dawn ir-reati l-imputati rregistraw ammissjoni li ppersistew fiha anke` wara li nghatatilhom zmien jikkunsidraw.

Ghal fini ta’ piena, l-Qorti rat l-Artikolu 216, 41, 212, 339(e) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 u 26 tal-Kap66. Rat ukoll fil-konfront tal-imputat Clive Portelli l-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9, u wara li hadet in kondizzjoni dak ivverbalizzat illum tiddeciedi li tilliberhom bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------